**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Jannar 2020**

**Kawza Nru. 1**
**Rik. Gur. Nru. 218/2019 JZM**

**Vertical Group Holding Limited (C52240)**

***u***

**Jacob Agam detentur ta` passaport ta` l-Istat ta` Izrael numru : 23418936, proprio fil-kapacita` tieghu ta` direttur tal-proprjeta` beneficcjarju tal-imsemmija kumpannija Vertical Group Holdings Limited debitament rapprezentat mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dottor Pio M. Valletta**

***kontra***

**BNP Paribas S.A. (Numru ta` Registrazzjoni tal-Kumpannija : B662 042 449 E.C. Identifier :**

**fr76662042449 ta` 16 Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**

***u***

**Jean Lemierre, Chairman tal-imsemmi bank, ta` 16, Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**

***u***

**Jean-Laurent Bonnafe`, Chief Executive Officer tal-imsemmi bank ta` 16, Boulevard des Italiens, Parigi, 75009, Franza**

***u***

**Valerie Lafarge-Sarkozy ta` 45, Rue de Tocqueville, Parigi, 75017, Franza**

**Dan huwa provvediment finali fil-miftuh dwar rikors li pprezenta l-konvenut BNP Paribas S.A. fl-4 ta` Ottubru 2019 (fol 1155 et seq) u dwar risposta ghal dan ir-rikors li pprezentaw l-atturi fil-21 ta` Ottubru 2019 (fol 1170 et seq).**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tal-4 ta` Ottubru 2019 fejn il-konvenut BNP Paribas S.A. talabha sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti taghha tas-27 ta` Awissu 2019 fejn kienu mharrka bhala xhieda mill-atturi l-konvenuti Jean Lemierre u Jean Laurent Bonnafe`, rispettivament *Chairperson* u *Chief Executive Officer* tal-istess bank, u sabiex tichad it-talba tal-atturi sabiex dawk il-persuni jitharrku bhala xhieda.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2019 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi zmien erbat ijiem min-notifika sabiex jipprezentaw risposta.

Rat ir-risposta li pprezentaw l-atturi fil-21 ta` Ottubru 2019 fejn mhux biss talbuha tichad it-talba tal-bank konvenut kif dedotta fir-rikors tal-4 ta` Ottubru 2019 izda fejn talbuha sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art 572 tal-Kap 12 fil-konfront tax-xhieda Jean Lemierre u Jean Laurent Bonnafe`.

Rat ir-replika li pprezenta l-bank konvenut fil-25 ta` Novembru 2019.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri fl-udjenza tas-26 ta` Novembru 2019.

Rat illi l-procediment thalla ghal-lum ghal provvediment finali ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Tibda billi tirreferi ghal fatti li johorgu mill-atti li tqis bhala saljenti sabiex tipprovdi kemm dwar ir-rikors in kwistjoni u kif ukoll dwar li talbu l-atturi fir-risposta taghhom ghal dak ir-rikors :-

Fl-ewwel dehra tal-kawza, u cioe` l-udjenza tal-25 ta` April 2019, hija tat direzzjoni lill-partijiet sabiex isiru provi dwar l-eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-gurisdizzjoni tal-qorti, u cioe` l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuta Lafarge-Sarkozy, u l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra.

Il-konvenuti ghalqu l-provi taghhom dwar l-eccezzjonijiet li jirrigwardaw il-gurisdizzjoni tal-qorti fl-udjenza tas-6 ta` Gunju 2019.

L-atturi bdew iressqu l-provi taghhom dwar dawn l-eccezzjonijiet fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2019. Fil-fatt beda jixhed l-attur Jacob Agam.

Ghal din l-udjenza l-atturi pprezentaw ukoll zewg ingunzjonijiet fis-27 ta` Awissu 2019 sabiex il-konvenuti Jean-Laurent Bonnafe`u Jean Lemmiere jidhru dakinhar halli jixhdu (ara fol 1147 u fol 1151). Iz-zewg ingunzjonijiet kienu akkordati b`zewg digrieti li nghataw fid-29 ta` Awissu 2019.

Mir-referta li tidher a tergo ta` fol 1147 fil-kaz ta` Jean-Laurent Bonnafe`, u mir-referta li tidher a tergo ta` fol 1151 fil-kaz ta` Jean Lemmiere, jirrizulta li t-tnejn ma kienux notifikati bl-ingunzjonijiet. Fil-kaz tat-tnejn, ir-raguni ghar-referti negattivi kienet : *Addressee Moved.*

**Ikkunsidrat :**

Abbazi ta` dawn il-fatti, tqis bhala mhux sostenibbli t-talba li ghamlu l-atturi fir-risposta sabiex in vista tal-assenza ta` Jean-Laurent Bonnafe` u ta` Jean Lemmiere fl-udjenza tat-22 ta` Ottubru 2019 tapplika fil-konfront taghhom l-Art 572 tal-Kap 12.

Dan ma jistax isir propju ghaliex irrizulta li z-zewg persuni ma kienux notifikati bl-ingunzjonijiet. Dan tghidu anke jekk fl-ewwel paragrafu tar-rikors odjern il-bank konvenut issottometta : *Illi l-bank esponenti ricentement gie notifikat b`tahrikiet sabiex jigu jixhdu c-Chairman u s-CEO tieghu f`dawn il-proceduri gewwa Malta …*

Mhuwiex car, almenu mid-dokumenti li jirrizultaw fl-atti, kif il-bank konvenut sar jaf bit-tahrikiet jekk ma jirrizultax li l-konvenuti Bonnafe` u Lemmiere kienu notifikati bihom.

Abbazi tal-atti, ma tarax li ghandha tapplika l-Art 572 tal-Kap 12 kontra l-konvenuti Bonnafe` u Lemmiere fuq dikjarazzjoni mhux taghhom izda tal-bank konvenut li pprezenta r-rikors mhux huma.

Huwa mmaterjali li t-tnejn huma konvenuti fil-kawza. Ghazla taghhom jidhrux inkella le ghall-udjenzi. Ikunu obbligati li jidhru jekk huma jkunu ngunti biex jaghtu d-deposizzjoni taghhom, u ghalkemm jirrizulta ppruvat li kienu notifikati jonqsu milli jidhru. Hemm biss tinsorgi l-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-Art 572 tal-Kap 12 fil-konfront taghhom.

**Ikkunsidrat :**

Riferibbilment ghat-talba tal-bank konvenut kif dedotta fir-rikors odjern, tqisha bhala mhux sostenibbli.

Tqis illi r-referenza li ghamel il-bank konvenut fir-replika ghall-Art 573 tal-Kap 12 bhala mhux applikabbli ghall-persuni li fil-kaz tal-lum kienu mharrka bhala xhieda mill-atturi.

Lanqas l-Art 711 tal-Kap 12 li jsemmi l-bank konvenut ma jghodd ghall-kwistjoni taht ezami ghaliex il-persuni in kwistjoni mhux qeghdin jissejhu mill-atturi sabiex jixhdu in subizzjoni, kif jidher anke mit-tahrikiet.

Lanqas ma tqis li kif saru l-ingunzjonijiet jmorru kontra l-ligi.

Tqis li l-bank konvenut ma jistax jopponi ruhu ghall-kwalita` ta` provi li jridu jressqu l-atturi sabiex jikkontestaw l-eccezzjonijiet li jolqtu l-gurisdizzjoni tal-qorti, dment li l-provi li jressqu jkunu jissoddisfaw il-vot tar-rilevanza kif irid l-Art 559 tal-Kap 12.

L-atturi ma jistghux ikunu prekluzi milli jsejhu anke lill-konvenuti bhala xhieda taghhom dwar l-eccezzjonijiet in kwistjoni. Ghad-domandi li jsiru in ezami mill-atturi jkun hemm id-dritt tal-kontroezami ghall-konvenuti jew min minnhom.

Kemm fil-kaz tad-domandi li jsiru in ezami kif ukoll fil-kaz tad-domandi li jsiru in kontroezami, jibqa` veljanti l-vot tar-rilevanza dwar kull domanda li ssir.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-bank konvenut kif dedotta fir-rikors tal-4 ta` Ottubru 2019. Tichad ukoll fejn l-atturi fir-risposta taghhom talbu li kontra l-konvenuti Bonnafe` u Lemmiere jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Art 572 tal-Kap 12. L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu bla taxxa.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**